# Id-Divoluzzjoni tal-Poter: Bejn Ħolma u Realtà

COLIN BORG[1]

F'ħafna diskorsi politiċi, il-kunċett ta' diċentralizzazzjoni jfeġġ pjuttost b'mod frekwenti. Ħafna drabi dan il-kunċett ikun mwaħħad mal-prinċipji bażillari tad-demokrazija. Imma kif jispjega Hutchcroft (2001: 23) il-mistoqsija ta' kull min jaħdem f'dan il-qasam - tal-akkademiċi li jirriċerkaw il-gvernijiet lokali, kif ukoll taċ-ċittadini komuni - hija jekk wara kollox dan il-ħsieb hux biss l-'aħħar moda' jew 'moda ta' żminijietna'.

Fil-fatt numru ta' mistoqsijiet joħorgu b'mod naturali meta nanalizzaw suġġett bħal dan. Id-divoluzzjoni tal-poter, li huwa fus ewlieni għal soċjetà ħafna aktar b'saħħitha demokratikament, seħħ fil-prattika jew inkella għall-kuntrarju baqa' biss ħsieb sabiħ fuq il-karta? X'direzzjoni qegħdin nieħdu: dik ta' aktar diċentralizzazzjoni jew ta' iżjed tisħiħ tal-Gvern Ċentrali? X'kienet l-esperjenza tal-Kunsilli Lokali f'dawn l-aħħar tmintax –il sena, jiġifieri mit-twaqqif tagħhom? Kienet esperjenza ta' suċċess jew jeżistu limitazzjonijiet? X'sitwazzjoni qegħdin fiha: dik ta' Gvern Lokali jew Kunsilli Lokali?

## Żewg forzi opposti: it-tendenza li niċċentralizzaw u l-ħtiega ta' aktar diċentralizzazzjoni

Tul dawn l-aħħar snin esperjenzajna żewg forzi opposti. Minn naħa il-fenomenu tal-globalizzazzjoni u l-kriżijiet internazzjonali żiedu inevitabbilment iċ-ċentralizzazzjoni tal-poter. Organizzazzjonijiet bħall-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Unjoni Ewropea tefgħu pressjoni fuq il-gvernijiet nazzjonali, mhux l-inqas fuq il-Gvern Malti. Bħala konsegwenza, dan ix-xenarju ssarraf fi tmexxija ta' gvern li tbiddlet drastikament f'dawn l-aħħar snin. Il-mod ġdid ta' tmexxija fisser aktar koordinament bejn il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet internazzjonali li ssarraf f'aktar ċentralizzazzjoni tal-poter.

1 Originally presented at the *Dr Anton Tabone Memorial Lecture* organised by the Department of Public Policy at the Birkirkara Community Hall on April 9, 2010

Minn naħa oħra, kif jinsistu Fleurke & Hulst (2006: 39), f'dinja li aktar ma jgħaddi iż-żmien aktar qed tikkomplika ruħha u f'xenarju fejn iċ-ċittadini ma jħossux li l-gvernijiet ċentrali qed jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom, il-ħtieġa hi li d-deċiżjonijiet jersqu qrib aktar tal-lokal u allura oqsma varji tal-politika jiġu diċentralizzati. Fil-fatt, Hutchcroft jargumenta li l-'mewġa ta' diċentralizzazzjoni' hija meqjusa bħala risposta għal aktar kontabilità, aċċess aħjar taċ-ċittadini lejn il-poter (speċjalment dawk li għal xi raġuni jew oħra ġew mwarrba jew minsija mill-Gvern Ċentrali) u sabiex in-nies tal-lokal jinqdew aħjar (2001).

Madanakollu, it-tendenza li nagħġnu l-politika fuq livell ċentrali Ewropew tista' tiġi nnutata f'firxa wiesgħa ta' oqsma politiċi li jinkludu l-finanzi u l-ambjent, fejn l-influwenza tal-Unjoni Ewropea hija b'mod dirett, jew inkella l-politika soċjali fejn l-influwenza hija ħafna aktar indiretta.

Huwa fatt li minħabba l-pressjonijiet u l-kriżijiet internazzjonali ħafna gvernijiet żammew aktar kontroll tal-infieq pubbliku u baqgħu jżommu ħafna deċiżjonijiet f'diversi oqsma politiċi taħt il-kontroll strett tagħhom. Huwa evidenti wkoll li l-Unjoni Ewropea ġabet ħafna aktar dixxiplina f'dak li għandu x'jaqsam mal-politika fiskali. Kif żvelaw Bruno, Jacquot u Mandin (2006: 530), il-kontroll dirett ċentrali sar f'forma kwantitattiva fejn irid jintlaħaq għan wieħed bejn il-pajjiżi membri. Bħala eżempju klassiku dawk il-pajjiżi li jiffurmaw parti miż-żona ewro jridu jilħqu il-mira, hekk kif stabbilita f'Maastricht; dik li id-defiċit jinżel għal 3% u d-dejn pubbliku mhux aktar minn 60% tal-Prodott Gross Domestiku. Mira bħal din wasslet sabiex il-gvernijiet nazzjonali jiddixplinaw ruħhom fl-infieq kollu, inkluż dak soċjali.

**Tliet livelli politiċi**

B'mod prattiku nistgħu ninċitaw sitwazzjonijiet fejn il-politika qed tintagħaġen u tiġi implimentata fuq tliet livelli: livell internazzjonali, nazzjonali u lokali, imma is-sors ta' kollox qed tkun il-politika ċentrali internazzjonali maqbula bejn l-istati. Fil-fatt kif ġie spjegat fid-dokument tal-Gvern imsejjaħ *Il-politika ta' Malta għal Governanza Lokali, 2009* ħareġ li Malta qiegħda timplimenta mira ambjentali li ħarġet mill-

Protokoll ta' Kyoto u li nħolqot bil-għan li l-ekonomija Ewropea tibda topera fuq sorsi ta' enerġija aktar effiċjenti u rinovabbli sal-2020. Għal dan il-għan Malta impenjat ruħha li fuq skala nazzjonali tilħaq il-mira ta' 10% tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli u tibda tuża 10% tal-bijofjuwil fis-settur tat-trasport. Sabiex tintlaħaq din il-mira, il-kunsilli lokali qed ikunu mħeġġa sabiex jagħmlu tibdil fis-sistemi ta' trasportazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u jużaw aktar alternattivi sostenibbli ta' trasport (Dipartiment għall-Gvern Lokali).

**Sfond politiku-storiku tal-Kunsilli Lokali f'Malta**

Ikun għaqli li qabel nidħlu aktar fil-fond tad-diskussjoni, inħarsu lejn l-elementi prinċipali li sawru l-istorja politika pjuttost riċenti tal-Kunsilli Lokali f'Malta s'issa. Storikament is-sistema ta' Gvern f'pajjiż żgħir bħal Malta minn dejjem kienet ċentralizzata. Tali ċentralizzazzjoni tal-poter hija riżultat ta' tliet raġunijiet prinċipali.

L-ewwel, minħabba li minn dejjem tqajmu dubji konsiderevoli dwar jekk jagħmilx sens li pajjiż mikro, b'popolazzjoni ta' mhux aktar minn 410,000 u spazju li ma jaqbiżx it-316-il kilometru kwadru għandux ikollu 68 kunsill lokali u 8 kumitati amministrattivi. Fil-fatt Malta għandna kunsill għal kull 6,060 persuna li meta nitqabblu ma' pajjiżi oħra membri tal-Unjoni Ewropea nsibu li bħala medja għandna rappreżentazzjoni akbar minn 16 –il pajjiż fl-Unjoni Ewropea (kif jidher f'Tabella numru 1). Il-medja ta' rappreżentazzjoni fl-Unjoni Ewropea hija ta' Kunsill għal kull 5,530 ċittadin.

It-tieni, pajjiż mingħajr ebda riżors naturali u b'riżorsi konsiderevolment limitati jesperjenza sfidi finanzjarji u sfidi mill-aspett ta' riżorsi umani. Il-mistoqsija prinċipali f'kuntest bħal dan tissawwar dwar jekk effettivament jagħmilx sens li nżidu l-istrutturi eżistenti meta r-riżultat finali jista' jwassal għal ħela ta' riżorsi aktar milli effiċjenza. Fil-fatt, ir-riforma li daħlet fis-seħħ fl-2009, minn banda ħasbet sabiex nesperjenzaw aktar divoluzzjoni tal-poter permezz tal-ħolqien tal-kumitati amministrattivi, imma mill-banda l-oħra r-riforma ħasbet ukoll sabiex bit-twaqqif ta' Kumitati Reġjonali tinħoloq aktar

| Tabella Numru 1 – Id-daqs medju ta' kull kunsill f'termini ta' ċittadini | | |
|---|---|---|
| | | |
| | **Numru medju ta' nies tal-post** | **Erja medja ($km^2$)** |
| **L-Awstrija** | 3,540 | 36 |
| **Il-Belġju** | 18,180 | 52 |
| **Il-Bulgarija** | 29,015 | 420 |
| **Ċipru** | 1,510 | 18 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 1,670 | 13 |
| **Id-Danimarka** | 56,040 | 440 |
| **L-Estonja** | 5,910 | 199 |
| **Il-Fillandja** | 15,265 | 972 |
| **Franza** | 1,750 | 17 |
| **Il-Ġermanja** | 6,655 | 29 |
| **Il-Greċja** | 10,870 | 128 |
| **L-Ungerija** | 3,160 | 29 |
| **L-Irlanda** | 38,975 | 612 |
| **L-Italja** | 7,395 | 37 |
| **Il-Latvja** | 19,205 | 547 |
| **Il-Litwanja** | 55,965 | 1,088 |
| **Il-Lussemburgu** | 4,215 | 22 |
| **Malta** | 6,060 | 5 |
| **L-Olanda** | 37,280 | 94 |
| **Il-Polonja** | 15,380 | 126 |
| **Il-Portugall** | 34,485 | 299 |
| **Ir-Rumanija** | 6,760 | 75 |
| **Is-Slovakkja** | 1,870 | 17 |
| **Is-Slovenja** | 9,630 | 97 |
| **Spanja** | 5,620 | 62 |
| **L-Iżvezja** | 31,790 | 1,552 |
| **Gran Brittanja** | 151,110 | 601 |
| **TOTAL UE27** | **5,530** | **49** |

**Sors: Dexia – EU Sub-national governments: 2008 Key Figures [2009/2010 Edition]**

sinerġija bejn il-lokalitajiet li permezz tagħha l-kunsilli jkunu jistgħu jiggwadanjaw mill-vantaġġi ta' ekonomiji fil-kobor li jġibu valur aħjar għall-flus u żieda fl-effiċjenza (Dipartiment tal-Gvern Lokali, 2009).

It-tielet, kif jispjega Pirotta (2001:247), minħabba li l-kompetizzjoni għall-poter f'pajjiż żgħir bħal tagħna hija primarjament bejn żewġ

partiti prinċipali, il-ġlieda għall-voti hija waħda qalila l-aktar meta wieħed jiftakar li fl-aħħar elezzjoni ġenerali d-differenza tal-voti kienet biss ta' 1,580 vot (www.doi.gov.mt) u allura t-tendenza hija li materji nazzjonali jieħdu prijorità assoluta fuq dawk lokali.

Madanakollu meta l-Partit Nazzjonalista kien elett fl-1987 u twaqqfet il-famuża Kummissjoni għar-Riforma fis-Servizz Pubbliku ħareġ li s-Servizz Pubbliku kien wisq mgħobbi biex ilaħħaq max-xewqat u l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini. Għaldaqstant kien maħsub li l-Kunsilli Lokali setgħu jaqdu aħjar liċ-ċittadini fuq kwistjonijiet lokali. Kien fl-1992 li l-*white paper* intitolata *Il-Kunsilli Lokali: Inressqu iċ-Ċittadin aktar qrib tal-Poter* stabbiliet l-istruttura tal-Kunsilli Lokali f'Malta (Pirotta 2001).

Fl-1993, Malta esperjenzat it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kapitlu 363, Liġijiet ta' Malta). Il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien kien iddeskriva t-tali żvilupp politiku bħala sinjal b'saħħtu u kruċjali fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku ta' pajjiżna.

Tajjeb nirrimarka li matul it-tmintax–il sena ta' storja tal-Kunsilli, saru numru ta' emendi importanti fl-1999 u fl-2005, filwaqt li fl-2001 il-Gvern Lokali sar jagħmel parti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fil-bidu tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, ir-responsabbiltajiet kienu limitati ħafna u marbutin mal-qasam tal-ambjent bħall-ġbir tal-iskart, sinjali tat-traffiku u t-toroq. Madanakollu mal-milja tas-snin, il-Gvern Malti ddecieda li jiddiċentralizza ħafna aktar responsabbiltajiet lill-Kunsilli, mhux biss fil-qasam tal-ambjent imma anki fil-qasam soċjali bħal ċentri tas-saħħa, ċentri tat-tfal u libreriji (Kap 363, Att Dwar il-Kunsilli Lokali: 14-16).

Ir-riforma li daħlet fis-seħħ fl-2009 ħasbet sabiex ikun hemm divoluzzjoni ta' funzjonijiet ġodda, li minħabba l-importanza tagħhom, il-Gvern Ċentrali ppjana sabiex dawn l-istess funzjonijiet jiddaħħlu gradwalment sabiex iservu bħala prova. Dawn il-funzjonijiet ġodda jinkludu l-kunċett ta' tagħlim matul il-ħajja, tagħlim lill-adulti u anzjani fil-komunità stess, ħidma fil-qasam soċjali billi jgħinu persuni

bi bżonnijiet soċjali, familji bi problemi kif ukoll tfal u żgħażagħ bi problemi ta' illitteriżmu. Aktar minn hekk, fejn jinħass il-bżonn il-Kunsilli jidħlu biex jipprovdu faċilitajiet ta' *childcare* kif ukoll *night shelters* lill-anzjani u mhux l-anqas billi jaħdmu mill-qrib mal-għaqdiet sportivi (Uffiċċju tal-Prim Ministru 2009: 10-12).

**Iċ-ċentralizzazzjoni għandha tiġi sostitwita mid-diċentralizzazzjoni?**

Dan kollu juri li għalkemm ħafna kritiċi jsostnu li l-esperjenza f'ħafna stati demokratiċi wriet li l-poter fuq materji essenzjali baqa' taħt il-kontroll dirett tal-Gvern Ċentrali filwaqt li dawk il-materji li mhumiex daqshekk essenzjali ġew diċentralizzati, ir-realtà hija wkoll li l-Kunsilli Lokali jistgħu jservu ta' għodda għall-Gvern Ċentrali sabiex issaħħaħ il-politika ambjentali, soċjali u anki ekonomika. Fil-fatt fid-dokument tar-riforma intitolat *Biex il-Kunsill Jagħtik l-Aqwa Servizz* maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, barra mir-responsabbiltajiet soċjali, il-Gvern ħaseb sabiex il-Kunsilli Lokali jservu wkoll ta' katina ekonomika f'żewġ modi prinċipali. L-ewwel billi l-Kunsilli joħolqu *public-private partnerships* mal-privat għall-ġid tar-residenti tal-lokalità u, ot-tieni, billi jaħdmu mill-qrib mal-komunitajiet kummerċjali sabiex jinħolqu postijiet tax-xogħol ġodda fil-lokalità rispettiva (Uffiċċju tal-Prim Ministru 2009: 13).

Aktar minn hekk f'*Il-Politika ta' Malta għal Governanza Lokali* (2009) ġie dikjarat bl-aktar mod ċar li l-Kunsilli Lokali għandhom l-opportunità li jikkontribwixxu għal temi ta' importanza strateġika nazzjonali (p.34) f'oqsma varji bħall-ambjent, l-enerġija u l-immaniġġjar tat-trasport, l-iskart u dak kulturali; flimkien mal-konservazzjoni urbana, l-ekonomija, it-turiżmu u l-finanzjament mill-Unjoni Ewropea (p. 29-35).

Dan kollu juri li fl-istess nifs li qegħdin naraw id-divoluzzjoni tal-poter nistgħu ninnutaw ukoll aktar assistenza u saħħa lill-Gvern Ċentrali f'oqsma politiċi nazzjonali, speċjalment meta niftakru li qed nitkellmu fuq l-iżgħar stat fl-Ewropa.

Jekk nieħdu eżempju prattiku nkomplu nifhmu kif minkejja li qasam politiku jista' jibqa' f'idejn il-Gvern Ċentrali, fl-istess ħin id-diċentralizzazzjoni tista' sservi ta' pilastru għall-politika nazzjonali.

Per eżempju, f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa jqumu diversi mistoqsijiet għalfejn it-tendenza hi li, aspett hekk essenzjali f'ħajjitna, ikun ċentralizzat. L-ewwel, għax irid ikun żgurat li kull ċittadin ikollu l-istess aċċess għall-kura tas-saħħa, xi ħaġa li sal-mument il-Gvern Ċentrali biss jista' jiggarantiha. It-tieni, kull ċittadin irid ikollu moħħu mistrieħ li aspett daqshekk kruċjali f'ħajjitna jkun immexxi minn qafas b'saħħtu li jiżgura kontabbiltà u standards għoljin.

Mill-banda l-oħra Taylor (2000: 5), jispjega kif ċertu aspetti ta' kura fis-saħħa, speċjalment dik primarja, tista' faċilment tiġi lokalizzata u allura ċ-ċittadin jinqeda b'ħafna aktar effiċjenza. Dan ifisser li f'kull *policy area* ssib traċċi ta' kemm ċentralizzazzjoni kif ukoll tendenza lejn diċentralizzazzjoni, aktar milli naħsbu, b'tali mod li ż-żewġ aspetti għandhom ikunu sostitwibbli.

**Id-diċentralizzazzjoni f'ambitu ta' kontroll aktar strett mill-Gvern Ċentrali**

Clarke u Newman (2000), juru kif fl-istess perjodu li ħafna gvernijiet demokratiċi ddiċentralizzaw aktar il-poter, ħasbu sabiex joħolqu aġenziji jew awtoritajiet sabiex dawk l-aspetti kollha politiċi li ġew diċentralizzati jew privatizzati jiġu mħarsa strettament mill-Gvern Ċentrali.

Fil-fatt wieħed mill-aspetti kurjużi u kuntrastanti tad-diċentralizzazzjoni hija r-responsabbiltà li jġorr il-Gvern Ċentrali sabiex jiżgura li l-għanijiet tad-diċentralizzazzjoni fil-fatt jintlaħqu. Huwa iċ-ċentral li jiddetermina r-riżorsi, it-taħriġ, ir-responsabbiltajiet u l-kobor tal-istess Kunsilli (ikkwotat f'Hutchcroft 2011: 44). Jekk nieħdu żewġ eżempji sabiex nispjegaw aħjar dan il-fatt insibu li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien mal-Awditur Ġenerali huma żewġ entitajiet li jilbsu l-libsa ta' regolatur fil-konfront tal-Kunsilli Lokali.

Minn naħa, fost numru ta' aspetti li fihom id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jagħmel ħarsien estensiv, huma is-servizzi b'kuntratt (fejn jrid jiġi żgurat li l-kuntratti kollha josservaw ir-regolamenti tal-Gvern Ċentrali), il-konformità tal-Kunsilli Lokali mal-obbligazzjonijiet u

l-proċeduri statutorji u amministrattivi u l-infurzar tal-Kodiċi ta' Etika tas-Sindki, Kunsilliera u l-istaff tagħhom (Dipartiment tal-Gvern Lokali 2009: 46). Id-Dipartiment għandu d-dritt li jippubblika l-ismijiet ta' dawk il-kunsilliera li ripetutament jiksru l-Kodiċi ta' Etika kif ukoll jieħu l-azzjonijiet neċessarji fil-qafas ta' dak li tippermetti l-liġi (Uffiċċju tal-Prim Ministru 2009: 29).

Minn naħa oħra, l-Awditur Ġenerali fir-rapporti tal-awditjar annwali jiskrutinja l-qagħda finanzjarja tal-kunsill sabiex jiżgura li l-fondi pubbliċi qegħdin jintefqu fil-parametri legali u jassigura li l-flus qegħdin verament iwasslu għall-ġid komuni, wieħed mis-sisien tad-demokrazija u oġġettiv prinċipali tad-diċentralizzazzjoni. Għal dan il-għan l-Awditur Ġenerali jitlob lill-Kunsilli Lokali kontijiet awditjati sabiex jiġu analizzati. Fis-sena finanzjarja li għalqet fit-30 ta' Settembru 2010, 4 minn 68 kunsill lokali ma bagħtux il-kontijiet rikjesti (NAO 2010).

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn ir-rapport annwali għas-sena 2009 tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Awditjar isib li nstabu diversi irregolaritajiet f'diversi kunsilli bħal ammonti dovuti lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma mhux imħallsa, *payslips* mhux uffiċjali, kuntratti tax-xogħol mhux reveduti, irregolaritajiet fl-għotjiet riċevuti mill-Gvern Ċentrali u saħansitra onorarja tas-sindki li ma kinux taxxabbli skont ir-regolamenti finanzjarji (NAO 2009: 93-94).

## Id-diċentralizzazzjoni veru seħħet jew baqgħet fuq il-karta?

Il-mistoqsija inevitabbli li tiġina quddiemna hija jekk wara kollox il-Kunsilli Lokali, sa mit-twaqqif tagħhom, hux qed jagħmlu differenza. Aħna bħala ċittadini qegħdin inħossu l-effetti tad- diċentralizzazzjoni? X'inhi r-realtà hemm barra? Meta wieħed janalizza l-esperjenza tal-Kunsilli f'terminu ta' tmintax–il sena jirrealizza li mistoqsijiet bħal dawn ma jistgħux jiġu mwieġba b' 'iva' jew 'le'. Sa mill-bidu tat-twaqqif tagħhom kien ġie argumentat li nkunu qegħdin nistennew wisq jekk naħsbu li l-Kunsilli jistgħu jwettqu dak li qatt ma sar mill-Gvernijiet Ċentrali f'perjodu relattivament qasir (Pirotta 2001: 252).

| Tabella Numru 2 – L-ispiża pubblika f'livell lokali | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | **€ biljun** | **% tal-Prodott Gross Domestiku** | **% tal-Ispiża Pubblika** |
| **L-Awstrija**<br>***Settur Lokali biss*** | 46.7<br>*21.5* | 16.6<br>*7.6* | 33.8<br>*15.6* |
| **Il-Belġju**<br>***Settur Lokali biss*** | 73.6<br>*23.5* | 21.4<br>*6.8* | 42.7<br>*13.6* |
| **Il-Ġermanja**<br>***Settur Lokali biss*** | *484.3*<br>*180.7* | 19.4<br>*7.2* | 44.4<br>*16.6* |
| **Il-Bulgarija** | 2.6 | 7.6 | 20.5 |
| **Cipru** | 0.3 | 1.9 | 4.4 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 16.9 | 11.4 | 26.6 |
| **Id-Danimarka** | 77.4 | 33.3 | 64.2 |
| **L-Estonja** | 1.8 | 11.0 | 27.7 |
| **Il-Fillandja** | 37.2 | 20.1 | 41.2 |
| **Franza** | 220.6 | 11.3 | 21.5 |
| **Il-Greċja** | 6.4 | 2.7 | 5.5 |
| **L-Ungerija** | 12.1 | 11.4 | 23.2 |
| **L-Irlanda** | 14.3 | 7.9 | 18.8 |
| **L-Italja** | 243.8 | 15.5 | 31.8 |
| **Il-Latvja** | 2.8 | 11.9 | 30.8 |
| **Il-Litwanja** | 3.0 | 9.4 | 25.0 |
| **Il-Lussemburgu** | 2.0 | 5.1 | 13.6 |
| **Malta** | 0.0 | 0.6 | 1.3 |
| **L-Olanda** | 93.9 | 15.8 | 34.3 |
| **Il-Polonja** | 51.2 | 14.1 | 32.7 |
| **Il-Portugall** | 10.2 | 6.2 | 13.4 |
| **Ir-Rumanija** | 13.4 | 9.8 | 25.6 |
| **Is-Slovakkja** | 3.5 | 5.5 | 15.7 |
| **Is-Slovenja** | 3.4 | 9.0 | 20.4 |
| **Spanja** | 243.7 | 22.4 | 54.5 |
| **L-Iżvezja** | 82.6 | 25.2 | 47.4 |
| **Il-Gran Brittanja** | 242.3 | 13.3 | 28.2 |
| **TOTAL EU27**<br>***Settur Lokali biss*** | **1,990.1**<br>***1,611.2*** | **15.9**<br>***12.9*** | **34.0**<br>***27.5*** |

**Sors: Dexia – EU Sub-national governments: 2008 Key Figures [2009/2010 Edition]**

Minkejja kollox, kif ħareġ fil-*performance assessments* li saru mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali nsibu li l-qagħda ġenerali ta' ħafna lokalijiet tjiebet konsiderevolment, l-aktar fl-aspett ambjentali u fl-insfrastruttura tat-toroq fejn f'ċertu lokalijiet il-maġġoranza assoluta ġew irranġati. Ma hemmx dubju lanqas li l-Kunsilli Lokali servew ta' għajnuna kbira fl-aspett soċjali, speċifikament fil-qasam edukattiv bl-organizzazzjoni ta' tant korsijiet u fil-qasam tal-anzjani. Imma s-suċċess tad-diċentralizzazzjoni rridu neżaminawh fi stampa aktar ħolistika meta nikkunsidraw l-aspetti segwenti.

***L-ewwel aspett: riżorsi finanzjarji allokati lill-Kunsilli Lokali***

Manor (2006) jargumenta li meta id-diċentralizzazzjoni taħdem tajjeb, barra li tissaħħaħ it-trasparenza u l-kontabilità tal-istituzzjonijiet governattivi, tixpruna l-leġittimità tal-Gvern Ċentrali, ladarba l-politika tkun qed tilħaq aktar dak li jixtiequ ċ-ċittadini fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u f'dak li l-aktar jolqot lilhom. Għaldaqstant il-kwalità tal-governabilità titjieb b'mod drastiku.

Madanakollu, huwa fatt li minkejja l-isforzi kollha li saru f'bosta pajjiżi biex aktar servizzi jiġu diċentralizzati, ir-riżorsi li ngħataw il-Gvernijiet Lokali sabiex jerfgħu r-responsabbiltajiet li ngħatawlhom ma kinux suffiċjenti. Dan wassal sabiex inħolqu ineffiċjenzi bil-konsegwenza li ħafna ċittadini jwaħħlu fil-Kunsilli għan-nuqqasijiet, meta fir-realtà huwa l-Gvern Ċentrali li ma jkunx qed jipprovdi riżorsi biżżejjed (Manor 2006).

Jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni f'Malta jsib li għas-sena finanzjarja 2011, l-allokazzjoni għall-Kunsilli Lokali tammonta għal tletin miljun u għaxart elef ewro (www.localgovernment.gov.mt). Din l-allokazzjoni tfisser 0.6% tal-Prodott Gross Domestiku u 1.3% tal-ispiża kollha pubblika jew 73 ewro ras għal ras, meta wieħed iqis li l-ispiża rikurrenti kollha tal-Gvern ser tkun ta' 2,338,726 ewro (www.finance.gov.mt) u b'popolazzjoni li ma taqbiżx l-410,000 ruħ. Din hi l-inqas allokazzjoni (kif muri f'Tabella numru 2) meta mqabbla mal-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea kemm f'termini ta' spiża totali u anki bħala persentaġġ mal-kejk kollu nazzjonali.

| Tabella Numru 3 – L-inklużjoni tan-nisa fil-livell lokali | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | **Meta daħal id-dritt tal-vot għan-nisa** | **% tan-nisa fil-livell lokali** | **% tas-sindki** |
| **L-Awstrija** | 1918 | n.a | 4 |
| **Il-Belġju** | 1948 | 34 | 10 |
| **Il-Bulgarija** | 1944 | 26 | 7 |
| **Ċipru** | 1960 | 20 | 6 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 1920 | 25 | 16 |
| **Id-Danimarka** | 1915 | 26 | 7 |
| **L-Estonja** | 1918 | 30 | 14 |
| **Il-Fillandja** | 1906 | 36 | 14 |
| **Franza** | 1944 | 35 | 14 |
| **Il-Ġermanja** | 1918 | 24 | 8 |
| **Il-Greċja** | 1952 | n.a | 3 |
| **L-Ungerija** | 1918 | n.a | 16 |
| **L-Irlanda** | 1928 | 18 | 11 |
| **L-Italja** | 1945 | 17 | 10 |
| **Il-Latvja** | 1918 | 35 | 20 |
| **Il-Litwanja** | 1918 | 22 | 8 |
| **Il-Lussemburgu** | 1919 | 24 | 11 |
| **Malta** | 1947 | 20 | 9 |
| **L-Olanda** | 1919 | 26 | 20 |
| **Il-Polonja** | 1918 | 21 | 8 |
| **Il-Portugall** | 1976 | n.a | 7 |
| **Ir-Rumanija** | 1946 | 11 | 4 |
| **Is-Slovakkja** | 1920 | 21 | 21 |
| **Is-Slovenja** | 1945 | 22 | 4 |
| **Spanja** | 1931 | 31 | 15 |
| **L-Iżvezja** | 1921 | 45 | 29 |
| **Il-Gran Brittanja** | 1928 | 29 | 14 |

**Sors: Dexia – EU Sub-national governments: 2008 Key Figures [2009/2010 Edition]**

Għalhekk ikun importanti li meta nanalizzaw il-ħidma tal-Kunsilli Lokali f'termini ta' kwalità u effiċjenza, jeħtieġ li kif qed isir fuq skala nazzjonali, hekk ukoll irridu nqabblu d-dħul u r-riżorsi tal-Kunsilli Lokali ma' dak li qed jirnexxilhom iwettqu.

Mill-banda l-oħra jkun żball jekk ninsew li apparti l-allokazzjoni diretta, il-Gvern nieda fond ta' kofinanzjament sabiex ikompli jgħin lill-Kunsilli Lokali fil-proġetti tagħhom u twaqqfet taqsima apposta fi ħdan il-MEUSEC sabiex tgħin lill-Kunsilli Lokali jaħftu l-opportunitajiet ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, skont id-diskors tal-baġit għall-2010: 70, fl-ewwel sentejn ta' din il-leġiżlatura ġew allokati 6.2 miljun ewro sabiex jiġu implimentati proġetti fil-lokalitajiet rispettivi.

Madanakollu, meta wieħed jieħu l-istampa kollha xorta jitqajjem dubju serju kemm fir-realtà l-fondi kollha disponibbli lill-Kunsilli Lokali mill-Gvern Ċentrali humiex qed ikunu suffiċjenti sabiex jagħmlu x-xogħol kollu delegat lilhom.

***It-tieni aspett: l-għarfien u r-riżorsi umani tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu ddelegati aktar responsabbiltajiet***

Il-Kunsilli Lokali jeħtieġu l-għodda kollha neċessarja sabiex jiffunzjonaw bl-aħjar mod possibbli. Il-finanzjament tal-Gvern Lokali huwa aspett wieħed biss sabiex ngħaqqdu l-ispettru kollu. Jeħtieġu wkoll ir-riżorsi umani, li f'repubblika mibnija fuq ix-xogħol u mingħajr ebda riżorsi naturali, iridu jingħataw l-importanza li tixirqilhom. Il-mistoqsija hija: qegħdin nagħmlu l-aħjar użu tar-riżorsi umani?

Jekk nagħtu ħarsa lejn aspett wieħed biss meta niddiskutu dan is-suġġett nindunaw li l-involviment tan-nisa fil-Kunsilli Lokali meta mqabbla mal-kunsilliera kollha hija biss ta' 20% u hija l-inqas waħda fl-Unjoni Ewropea ħlief għal tliet pajjiżi li huma l-Irlanda, il-Litwanja u r-Rumanija (kif muri f'Tabella numru 3).

F'ambjent fejn l-użu tar-riżorsi umani ma jkunx bl-aħjar mod possibli, il-biża' hi li l-Kunsilli Lokali jispiċċaw biss strument ta' eżekuzzjoni mingħajr ebda lok u saħħa sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa

u allura l-maġġoranza kbira tad-deċiżjonijiet jibqgħu jittieħdu ċentralment. Il-konsegwenza inevitabbli tkun li ċ-ċittadini ma jibqgħux jemmnu fil-bżonn ta' Gvern Lokali ladarba d-deċizjonijiet essenzjali jibqgħu fl-ambitu ċentrali.

Għaldaqstant, kif sostnew Fleurke & Hulst (2006), id-divoluzzjoni tal-poter mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali teħtieġ qafas mill-aktar professjonali meta nqisu x'dinja kumplessa u x'soċjetà dinamika qed ngħixu fiha.

Ir-riforma eżistenti ser tgħin fis-sens li fejn ikun meħtieġ il-Kunsilli Lokali ser jingħataw l-opportunità li taħt skemi differenti jagħmlu talba għal aktar ħaddiema sabiex jagħmlu xogħol speċifiku fil-lokalità għal perjodu determinat. Aktar min hekk il-kunsilliera u s-sindki ser jingħataw aktar taħriġ b'korsijiet speċjalizzati għas-Segretarji Eżekuttivi u għall-impjegati kollha f'dak li għandu x'jaqsam ma' customer care (Uffiċċju tal-Prim Ministru 2009: 17-18).

Madankollu jekk id-direzzjoni tal-Gvern Ċentrali tkun tali li fil-futur qarib u anki dak imbiegħed ikollna ħafna aktar diċentralizzazzjoni, allura l-qafas tal-Kunsilli Lokali għandu jissaħħaħ drastikament sabiex ikunu jistgħu tabilħaqq jesegwixxu r-responsabbiltajiet li maż-żmien qed jiġu delegati lilhom. Fil-fatt minn studju ta' Agius (2011) joħroġ li ħafna kunsilliera jħossu li ma jistgħux ilaħħqu mal-volum ta' laqgħat li qed ikollom aktar u aktar meta niftakru li, minkejja d-divoluzzjoni tal-poter, l-kunsilliera baqgħu jaħdmu fuq bażi purament volontarja.

*It-tielet aspett: ir-relazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-Gvern Ċentrali*

Id-diċentralizzazzjoni hija essenzjalment kwistjoni ta' relazzjoni bejn iċ-ċentral u l-lokal. Il-ħidma tal-Kunsilli Lokali ma tistax tissarraf f'waħda ta' suċċess kemm-il darba ma jkunx hemm il-koperazzjoni meħtieġa mid-dipartimenti tal-Gvern Ċentrali.

L-istudji li kienu saru minn Vassallo fl-1995 u Borg fl-2005 f'perjodi relattivament differenti wrew li n-nuqqas ta' koperazzjoni tista' tiġi innutata fuq żewġ binarji. L-ewwel, li l-politiċi fuq livell nazzjonali

jqisu l-kunsilliera lokali bħala kompetituri diretti għall-kampanja elettorali li tkun ġejja u għaldaqstant theddida serja għall-popolarità tagħhom. Dan jista' jwassal sabiex jinħoloq ambjent xettiku u d-diċentralizzazzjoni ma tkunx dik mixtieqa (Vassallo 1995).

It-tieni, kif stqarr Pirotta (2001: 253), id-Dipartimenti tal-Gvern mhumiex ippreparati biżżejjed sabiex ilaħħqu max-xogħol kollu li jġibu magħhom il-Kunsill Lokali. Għall-kuntrarju, kif spjegaw Fleurke u Hulst (2006), il-Kunsilli Lokali jkollhom jaħdmu ma' servizz pubbliku frammentat, l-aktar meta jkunu qed jippjanaw proġetti urbani. Hija realtà li tinstab mifruxa mal-Ewropa kollha li, fi proġetti bħal dawn, il-kunsilliera jridu jħabbtu wiċċhom ma' erba' jew aktar ministeri sabiex iġibu l-fondi u l-permessi kollha neċessarji sabiex jitwettaq il-proġett inkwistjoni. Fil-fatt l-istudju ta' Agius (2011) juri kif ċertu Kunsilli Lokali jħossu li s-sistema burokratika tas-servizz pubbliku xxekkel l-awtorità tal-istess Kunsilli.

Il-biża' hi li l-perċezzjoni tal-pubbliku u l-kunsillera nfushom tkun li l-Kunsilli Lokali saru estensjoni tal-Gvern Ċentrali mingħajr l-ispazju u l-awtorità neċessarja sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet. Eżempju mill-aktar prattiku jfakkarna kif anki saħansitra sabiex jiġi miżbugħ sinjal tat-traffiku isfar, li hu mill-aktar bżonjuż u legali, is-sindku tal-kunsill lokali inkwistjoni jeħtieġ l-approvazzjoni ta' Transport Malta (Agius 2011).

Ikun żball kbir jekk ninjoraw l-importanza tal-awtoritajiet regolatorji f'pajjiżna, imma jkun żball ikbar jekk inxejnu l-inizjattiva li jista' jkollhom il-Kunsilli Lokali.

B'danakollu bl-ebda mod ma għandu jiġi implikat li l-Kunsilli Lokali mhu qed jaqdu l-ebda funzjoni fl-arena politika. Altru milli hekk, il-Kunsilli huma għodda essenzjali u strumentali sabiex barra milli jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, li mal-medda taż-żmien qegħdin dejjem jiżdiedu, jistgħu jservu ta' pressjoni kbira fuq il-Gvern Ċentrali fuq diversi kwistjonijiet, mhux l-inqas fuq materji fejn għandu x'jaqsam l-ambjent.

### *Ir-raba' aspett: polarizzazzjoni politika li tissarraf f'aktar poter ċentrali*

F'pajjiż polarizzat għall-aħħar fejn il-lealtà lejn il-partiti politiċi hija waħda qawwija u t-*turnout* fl-elezzjonijiet ilaħħaq il-medja ta' 96% (ħlief għall-aħħar elezzjoni ġenerali fejn kien hemm *turnout* ta' 92%) hu mistenni li l-Kunsilli jinqabdu fit-tnalja politika. Kif żvela Pirotta (2001: 256), lura fiż-żmien tal-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali, l-istħarriġ tal-pubbliku kien juri maġġoranza kbira kontra l-inklużjoni tal-partiti politiċi minħabba l-biża' li l-polarizzazzjoni u l-qasma li kienet evidenti fis-soċjetà Maltija fuq skala nazzjonali kienet ser tirrepeti ruħha fuq livell lokali.

L-inklużjoni tal-partiti politiċi ħonqu dawk l-individwi li jiddejqu jħammġu isimhom ma' partit partikolari. Għaldaqstant tlifna nies validissimi li setgħu jagħtu kontribut mill-aktar siewi lill-Kunsilli.

Minn-naħa l-oħra, kien argumentat li bl-inklużjoni tal-partiti politiċi il-Kunsilli jkunu aktar organizzati u dixxiplinati meta tqis l-esperjenza vasta u l-makkinarju li għandhom il-partiti politiċi għad-dispożizzjoni tagħhom.

Biex tgħaxxaqha kull sena bdejna nassistu għal *mini general election* bil-programmi elettorali tal-Kunsilli Lokali ddominati mill-magni tal-propoganda u bl-istrateġiji tal-partiti. Din il-problema ttaffiet b'mod sostanzjali peress li issa l-elezzjonijiet se jibdew isiru kull erba' snin.

Minkejja r-riforma, meta wieħed iqis li l-partiti politiċi Maltin għad għandhom influwenza kbira, il-biża' hi illi, minflok iċ-ċittadin komuni spiċċa jikkonċentra fuq ix-xogħol proprja u r-responsabbiltajiet lokali tal-Kunsilli, iċ-ċittadin jiġi aljenat fuq materji partiġġjani għall-aħħar. Mhux l-ewwel darba li l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ntużaw sabiex jservu ta' barometru biex tiġi mkejla l-popolarità ta' partit politiku fuq skala nazzjonali jew inkella biex tiġi analizzata l-politika nazzjonali attwali tal-partit fil-Gvern. Dan kollu jfisser li f'ċertu waqtiet, kif spjega Hutchcroft (2001: 36), kwistjonijiet nazzjonali jitfgħu fil-ġenb kwistjonijiet ta' natura lokali speċjalment waqt kampanji elettorali,

għalkemm tajjeb wieħed jirrimarka li dan mhux dejjem ikun il-każ peress li nistgħu nisiltu numru sostanzjali ta' kampanji elettorali tal-Kunsilli Lokali li ġew mfassla fuq materji purament lokali.

Madanakollu, hija realtà li l-partiti xorta baqgħu jikkontrollaw b'mod ċentrali t-tmexxija tal-Kunsilli Lokali u allura l-għanijiet tal-kunsilliera eletti li jirrappreżentaw materji lokali jiġu newtralizzati bl-influwenza ċentrali tal-partit politiku rispettiv (Hutchcroft 2001 p. 36). Dak li ġara f'ċertu Kunsilli juri ċirkostanzi ta' tmexxija diretta u kontrollata. Huwa ċar li l-laqgħat lokali qed ikunu influwenzati minn logħba ċess politika sabiex jitneħħew sindki jew kunsilliera li ma jkunux qed jimxu mal-linja politika tal-partit. Hemm implikazzjonijiet demokratiċi u prattiċi f'dan ir-rigward. Id-demokrazija, li suppost kienet waħda mill-għanijiet il-għaliex twaqqfu l-kunsilli, qed tiġi imminata għax is-sindku li ġie elett demokratikament miċ-ċittadini jiġi mneħħi mill-Kunsill sempliċiment għax il-partit qed jara telf politiku u mhux neċessarjament għax hemm kwistjoni ta' ineffiċjenzi jew skuntentizza miċ-ċittadini tal-lokal.

**Konklużjoni: it-triq 'il quddiem**

X'inhi t-triq 'il quddiem? X'direzzjoni għandna nieħdu f'ambitu ta' ekonomija moderna? Meta nikkunsidraw id-daqs ta' pajjiżna, x'forma ta' Gvern Lokali rridu? Gvern Lokali aktar awtonomu jew Gvern Lokali li jsaħħaħ aktar l-id tal-Gvern Ċentrali? Imma wara kollox x'se nsejħulu l-qafas li għandna: sistema ta' Gvern Lokali jew Kunsilli Lokali? X'inhu t-terminu l-aktar xieraq fiċ-ċirkostanzi tagħna? Huwa f'waqtu li nitkellmu fuq Gvern Lokali meta niftakru li minkejja d-divoluzzjoni tal-poter il-Kunsilli Lokali għad għandhom dipendenza kbira fuq iċ-ċentral u l-funzjonijiet tagħhom huma ineżistenti jew limitati ħafna f'ċertu oqsma ta' *policy*?

Naqblu li d-diċentralizzazzjoni u t-tisħiħ tal-Gvern Ċentrali jikkumplimentaw lil xulxin? Jekk ir-risposta hija fl-affermattiv, f'każ li nimxu lejn strateġija ta' diċentralizzazzjoni u allura Kunsilli Lokali b'ħafna aktar responsabbiltajiet, ser inħallu l-qafas eżistenti mibni fuq il-volontarjat? X'se tkun il-mixja 'l quddiem fil-kunċett ta'

reġjonalità? Kif l-assistenza ċentrali tista' tgħin lill-Kunsilli jaħdmu aħjar meta nqisu l-limitazzjonijiet tar-riżorsi?

Dan huma ftit mill-ħafna mistoqsijiet li jitilgħu fil-wiċċ meta nitkellmu fuq il-Kunsilli Lokali u jkun opportun li ssir aktar riċerka fil-futur sabiex toħroġ aktar ċara l-viżjoni li rridu nipproġettaw.

## Referenzi


Agius M., (2011) *Researching Policy – What was the contribution of local councils towards the embellishment of village life and the decentralisation of power* [studju mhux ippubblikat].

Bruno I., Jacquot S., Mandin L. (2006) *Europeanisation through its instrumentation: benchmarking, mainstreaming and the open method of co-ordination….toolbox or Pandora's Box* – Journal of European Public Policy p. 519-536, Taylor & Francis.

Chapter 363 – Local Councils Act.

Clarke, J. & Newman, J. (2000) *The Managerial State: Power, Politics and Ideology in the Remaking of Social Welfare*, SAGE Publications.

Dexia, *EU Sub-National Governments: 2008 Key Figures* (2009/2010 Edition).

Dipartiment għall-Gvern Lokali (2009) *Il-Politika ta' Malta ghal Governanza Lokali.*

Fleurke F. u Hulst R. (2006) *A Contingency Approach to Decentralisation*, Public Organisation Review, Department of Public Administration and Organisation Science, (p.37-56), Springer Science + Business Media, LLC.

Hutchcroft P. D., (2001) *Centralisation and Decentralisation in Admnistration and Politics: Assessing Territorial Dimensions of Authority and Power,* Governance: An International Journal of Policy and Administration, Vol. 14, No. 1 (p.23-53), Blackwell Publishers.

Manor J., (2006) *Renewing the Debate on Decentralisation*, Institute of Development Studies, University of Sussex, UK, Commonwealth and Comparative Politics, Vol. 44 No. 3, 283-288, Taylor & Francis.

Ministeru tal-Finanzi (2010) *Diskors tal-Budget għas-sena 2011* [www.finance.gov.mt].

National Audit Office (2009) *Annual Audit Report* – Public Accounts for the Year 2009.

Pirotta G. (2001) *A New Creation or an Image and Likeness? The Maltese Experience of Establishing Local Government in a Centralised Micro-State* - Public Organisation Review: A Global Journal p. 245-260, Kluwer Academic Publishers.

Taylor M. (2000) *Modernising Government – The tension between central targets and local initiative* – Institute for Public Policy Research.

Vassallo, M. (1995) Local-Central Relationships in the Maltese Experience, an unpublished dissertation submitted in partial fulfilment of the requirement of the B. A. (Hons.) Public Policy degree at the University of Malta

Uffiċċju tal-Prim Ministru (2009) *Biex il-Kunsill Jagħtik l-Aħjar Servizz,* Tiġdid tal-Kunsilli Lokali b'riżultat ta' proċess ta' konsultazzjoni [www.opm.gov.mt].